



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 27 ta' Ottubru 2006 (06.11)
(OR. fr)**

14543/06

PUBLIC 49

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' L-ATTI TAL-KUNSILL
SETTEMBRU 2006

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Settembru 2006. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu għall-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, u r-regoli tal-votazzjoni applikabbli;
- fl-**Anness III**, lista ta' l-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill f'Settembru 2006, b'referenza, jekk ikun il-każ, għar-riżultati tal-vot, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll disponibbli permezz ta' l-Internet (<http://consilium.europa.eu>); ara taħt "Dokumenti", imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (<http://register.consilium.europa.eu>).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi. Estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu wkoll mid-Dipartiment tat-Trasparenza (transparency@consilium.europa.eu).

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

SETTEMBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2750 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-18 ta' Settembru 2006				
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer iżgħar ta' l-Eġew u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003	11704/1/06 REV 1 + COR 1 (sv) + REV 2 (fi)	127/06, 128/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib	11873/06	129/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea	PE-CONS 3619/06 + REV 1 (fi)		Unanimità	L-Istati Membri kollha favur

SETTEMBRU 2006

TITOLI TA' ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2751 laqgħa tal-Kunsill dwar il-KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija u Riċerka) fil-25 ta' Settembru 2006				
Regolament tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 4056/86 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 għat-trasport marittimu, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1/2003 fir-rigward ta' l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jinkludi servizzi ta' kabotaġġ u servizzi internazzjonali ta' trasport marittimu mhux regolari	11308/06 + REV 1 (lt)	130/06, 131/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Renju Unit jintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward taxxi fuq il-valur tal-bejgħ	12575/06		Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2007 sa 2019	PE-CONS 3611/06 + COR 1 (lv) + COR 2 + REV 2 (fi) + REV 2 COR 1 (fi)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIKJARAZZJONI 127/06

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Griega

Dikjarazzjoni minn Evangelos BASIAKOS, Ministru għall-Iżvilupp Rurali u l-Ikel

"Sur President, Sinjura Kummissarju,

Nilqa' d-deċizzjoni meħuda mill-Kunsill illum biex jadotta miżuri speċifiċi ta' appoġġ għall-agrikoltura fil-gżejjer iżgħar ta' l-Eġew.

Fl-istess ħin, nixtieq nirringrazzja lill-Presidenza, lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew, għall-mod metodoloġiku u effiċjenti li bih ħadmu għall-adozzjoni f'waqtha tar-Regolament tal-lum.

Il-produzzjoni agrikola fil-gżejjer iżgħar ta' l-Eġew tiffaċċa diffikultajiet serji, li jirriżultaw mill-fatt li huma remoti ġeografikament, li huma żoni iżgħar, mill-klima, mir-riżorsi fiżiċi limitati, mill-art imħattna tagħhom, mill-komunikazzjonijiet diffiċli tagħhom matul ix-xitwa, eċċ., u dan isejjaħ għal appoġġ immirat u manifestazzjoni kontinwa ta' solidarjetà Komunitarja.

Nixtieq nisħaq b'mod partikolari li, l-ewwelnett, l-inklinazzjoni ta' l-abitanti tal-gżejjer li jibqgħu fejn huma, bħala gwardjani, u jikkoltivaw l-art tagħhom, hija l-aħjar garanzija għall-effettività tal-miżuri li stabbilixxejna u għat-titjib tagħhom fil-futur, jekk dan huwa meħtieġ.

Appoġġ għall-produzzjoni agrikola lokali tradizzjonali u l-faċilitazzjoni tal-provvista ta' ikel u prodotti agrikoli jikkostitwixxu linji importanti ta' azzjoni strateġika, għall-fini ta' ekwilibriju soċjali, ambjentali u kulturali u wkoll għall-iżvilupp tal-grupp ta' gżejjer iżgħar ta' l-Eġew.

Nirringrazzja ħafna lill-kollegi kollha tiegħi."

DIKJARAZZJONI 128/06

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Griega

Dikjarazzjoni minn Aristotelis PAVLIDIS, Ministru għall-Eġew u l-Gżejjer

"Sur President,

Fil-kapaċità tiegħi ta' Ministru responsabbli għall-Gżejjer ta' l-Eġew u, b'mod iktar ġenerali, peress li jien inkarigat bil-politika tal-gżejjer fil-Greċja, nixtieq nirringrazzjak għall-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi miżuri speċifiċi b'appoġġ tal-bdiewa tal-gżejjer tagħna.

Ir-rikonoxximent mill-Prezidenza, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jikkontribwixxu għall-appoġġ għal attività agrikola fil-gżejjer kollha ta' l-Eġew għandha sinifikat speċjali għalina, li m'huwiex limitat biss għall-aspett ekonomiku tad-deċiżjoni tiegħek.

Jiena nqis il-pożizzjoni tal-Kunsill b'mod ġenerali bħala espressjoni tad-deċiżjoni tiegħu li jippromwovi prinċipji bħal koeżjoni soċjali u ekonomika, iżda wkoll territorjali.

Huwa essenzjali li tinkiseb "koeżjoni" fil-gżejjer Griegi b'mod partikolari.

Għal din ir-raġuni fil-Greċja napplikaw Politika Integrata tal-Gżejjer, li deċiżjonijiet bħal din, li jadottaw Regolament li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-appoġġ ta' l-agrikoltura fil-gżejjer żgħar kollha ta' l-Eġew, isaħħu u jagħmlu iktar effettiva, waqt li fl-istess ħin jagħmlu din il-politika benchmark għal istituzzjonijiet Komunitarji oħra responsabbli għall-ippjanar u t-twettiq ta' Politika Reġjonali Ewropea.

Kollegi, għal darb'oħra nixtieq nirringrazzjakom għall-komprensjoni tagħkom u nistenna bil-ħerqa li narakhom fuq il-gżejjer Griegi."

DIKJARAZZJONI 129/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament finanzjarju (KE) Nru 1605/2002 mill-1 ta' Jannar 2007 xi nfiq negattiv agrikolu jsir dħul assenjat.

L-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jiddefinixxi liema dħul għandu jiġi kkunsidrat bħala dħul assenjat li "..... fil-każ ta' użu mill-ġdid, għandu jintuża esklussivament biex jiffinanzja n-nefqa tal-FAEG".

Il-Paragrafu 1(b) ta' l-Artikolu 34 jiddefinixxi sovraimposta bħala dħul assenjat. Dawn id-dispożizzjonijiet jissostitwixxu l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003."

DIKJARAZZJONI 130/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Linji Gwida

"Ir-regolament adottat illum iħassar ir-Regolament tal-Kunsill Nru KEE/4056/86 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 (issa 81 u 82) tat-Trattat għat-trasport marittimu u b'mod partikolari jħassar l-eżenzjoni ġenerali dwar il-konferenzi ta' kumpanniji marittimi tal-linja. Huwa jemenda wkoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat billi jestendi l-kamp ta' applikazzjoni biex ikopri l-kabotaġġ u s-servizzi ta' trasport marittimu mhux regolari.

Minħabba li r-regoli ta' kompetizzjoni qatt ma ġew applikati fis-settur ta' kumpanniji ta' trasport marittimu tal-linja u sabiex tiġi provduta gwida għal parteċipanti tas-suq, inkluż fis-settur ta' trasport marittimu mhux regolari, il-Kummissjoni ser toħroġ Linji Gwida, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha, dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni għas-servizzi ta' trasport marittimu. Il-Linji Gwida ser jinħarġu qabel l-aħħar tal-perijodu transitorju ta' sentejn għal konferenzi eżistenti ta' trasport marittimu tal-linja."

DIKJARAZZJONI 131/06

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Griega dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' l-abbozz tar-Regolament biex jinkludi l-kabotaġġ u s-servizzi internazzjonali ta' trasport marittimu mhux regolari

"Il-Greċja tixtieq tiringrazzja lill-Kummissjoni tad-dikjarazzjoni ppreżentata rigward il-ħruġ ta' linji gwida dwar dan is-suġġett. Aħna naqblu mat-test propost, madankollu nkunu grati jekk il-Kummissjoni, waqt li tabbozza l-linji gwida, tieħu kont ta' l-emendi ppreżentati mill-Parlament Ewropew rigward il-perijodu ta' transizzjoni ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ (Emenda 3). Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'ħarsa ġenerali trasparenti dwar il-pożizzjoni ta' pajjiżi terzi rigward il-politika Ewropea ġdida dwar servizzi ta' kumpanniji marittimi tal-linja (Emenda 6)."

SETTEMBRU 2006	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Proċeduri bil-miktub konklużi fl-1 ta' Settembru 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra 11516/06 + COR 1 (en) + COR 2 (fr) + COR 3 (nl) + COR 4 (es) + COR 5 (fi) + COR 6 (sv) + COR 7 (mt) + COR 8 (hu) + COR 9 (sk) + COR 10 (it) + COR 11 (et) + COR 12 (hu) + COR 13 (lv) + COR 14 (pl) Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru1470/2001 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' bozzoz elettroniċi florexenti, kumpatti u integrati (CFL-i) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 12178/06 Proċedura bil-miktub konkluża fis-7 ta' Settembru 2006 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/643/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (Indoneżja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh - AMM) Proċedura bil-miktub konkluża fit-8 ta' Settembru 2006 Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 12202/06	
	Against: Finland

SETTEMBRU 2006	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Proċedura bil-miktub konkluża fl-14 ta' Settembru 2006 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja fil-Komunità 5893/2/06 REV 2 + REV 3 (fr) + REV 4 (sl) L-2748 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fil-15 ta' Settembru 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill 11423/06 + COR 1 + COR 2 (lv) Operazzjoni EUFOR RD Kongo - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar kontribut mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo) 12135/06 - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo) 12141/06 + REV 1 (en) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Indoneżja dwar il-kompiti, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indoneżja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh - AMM) u tal-persunal tagħha 12166/06	

SETTEMBRU 2006	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Azzjoni konġunta tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' l-UE biex jikkontribwixxi għall-preparazzjonijiet ta' l-istabbiliment ta' missjoni internazzjonali ċivili fil-Kosovo possibbli, inkluż komponent ta' Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (ICM/Grupp ta' Preparazzjoni EUSR) 12159/06 + COR 1 (hu) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo 12256/06 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar projbizzjoni fuq il-bejgħ jew il-forniment ta' armi u materjal relatat u dwar il-provvista ta' servizzi relatati lil entitajiet jew individwi fil-Libanu skond ir-Riżoluzzjoni 1701 (2006) ta' l-UNSC 12257/06 L-2750 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-18 ta' Settembru 2006 Deċizzjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Paragwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 11839/06 + REV 1 (pl) + REV 2 (lt) + REV 2 COR 1 (lt) + REV 3 (sl) + REV 4 (fi) + REV 5 (sk) + COR 1 (en) + COR 2 (fr) + COR 3 (it) + COR 4 (da) + COR 5 (el) + COR 6 (es) + COR 7 (mt) + COR 8 (es) Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2006 bil-għan li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan (Formulazzjoni ġdida) 9010/06 + COR 1 (lt) + COR 2 (fi) + ADD 1, 12216/06 + COR 1 + ADD 1	Astensjoni: Renju Unit

SETTEMBRU 2006	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' tweġiba fir-rigward tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u ta' l-informazzjoni online 9577/06 + COR 1 (lv) + ADD 1, 12218/06 + COR 1 + ADD 1 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 10351/06 + COR 1 (nl) + COR 2 (fr) + ADD 1, 12220/06 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 + ADD 1 REV 1 (pt) L-2751 laqgħa tal-Kunsill li jiltaqa' dwar il-KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija u Riċerka) fil-25 ta' Settembru 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, ta' l-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER 12731/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, dwar Proċedura ta' Kunsens Informat Minn Qabel għal ċerti kimiċi perikolużi u pestiċidi fil-kummerċ internazzjonali 12487/06 Regolament tal-Kunsill dwar ċerti miżuri restrettivi rigward il-Libanu 12354/06	Astensjoni: Renju Unit

SETTEMBRU 2006

ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 817/2006 li jgħedded miżuri restrittivi rigward il-Burma/Myanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 798/2004 12353/06 + COR 1 (sv) Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kirgiztan, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-ađeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea 8031/06 Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kazakastan, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-ađeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea 8027/06 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1676/2001 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni tal-film tal-polyethylene terephthalate li joriġina fl-Indja u fir-Repubblika tal-Korea 12372/06 + REV 1 (lt) Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja, u li jtemm il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fil-Malażja 12375/06 + REV 1 (lt)	Kontra: Belġju, Danimarka, Olanda, Latvja, Svezja, Renju Unit Astenzjoni: Ġermanja, Estonja, Finlandja, Malta

SETTEMBRU 2006

ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) 12032/06 + COR 1 (da) + REV 1 (hu) + ADD 1 REV 1, 12688/06 + ADD 1 REV 1 Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għal obbligi mhux kuntrattwali ("ROME II") 9751/06 + COR 1 (sl) + COR 2 (el) + COR 3 (fr) + REV 1 (fi) + REV 2 (it) + REV 3 (lt) + REV 4 (lv) + REV 5 (de) + REV 6 (fi) + ADD 1, 12219/06 + ADD 1 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" għall-promozzjoni ta' ċittadinanza Ewropea attiva għall-perijodu 2007-2013 9575/06 + COR 1 (lv) + COR 2 (hu) + COR 3 (da) + COR 4 (fr) + ADD 1 REV 1, 12217/1/06 REV 1 + REV 1 COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1	Kontra: Awstrija, Litwanja, Malta, Polonja, Slovakkja Kontra: Estonja, Latvja Astenzjoni: Renju Unit, Litwanja, Portugall

=====